MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# ID-DISA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 9

15 ta' Jannar 2024

Il-Kunsilli Lokali Ħ'Attard iltaqa' fis-Sala tal-Kunsill li jinsab fl-indirizz 13/15, Triq Sant'Anna, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
STEFAN CORDINA – Sindku
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku
Nicole Portelli - Kunsillier
Helen Caruana – Kunsillier
Remigio Bartolo – Kunsillier
Ralph Cassar– Kunsillier
Martin Musumeci– Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
John P. Bonnici – Kunsillier
Paul Ciantar – Kunsillier

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Marica Mifsud Mintoff - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ppresjieda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-7.07pm. Kulħadd, minn dawk li kellhom ikunu preżenti fuq il-post fil-ħin bl-eċċezzjoni tas-Sur John P. Bonnici u s-Sur Paul Ciantar li kienu jinsabu indisposti.

## 9.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

9.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kellha e-mail b'apoloġija tas- Sur John P. Bonnici u s-Sur Paul Ciantar

## 9.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

9.2.1 Il-Minuti tal-laqgħa Nru. 8 ġew approvati.

## 9.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

9.3.1 *Attard Subbuteo Club*

Is-Sur Cordina qal li rċieva i-mejl mingħand l-Attard Subbuteo Club li jinsab affiljat mal-Kunsill Lokali Ħ'Attard u li jikkonpetu barra minn Malta f'isem il-Kunsill (ingħatat spjega żgħira għal dawk ġodda fil-Kunsill fosthom Dr. Musumeci li saqsa fuq il-ħidma ta' dan il-klabb). Hu kompla jgħid li rċieva talba sabiex il-Kunsill bħas-soltu jgħin fil-kera tal-post li qed jinkera. Din il-kera tammonta għall-€600. Il-Kunsill qabel li bħas-sena l-oħra tingħata s-somma ta' €500.

9.3.2 *Uffiċċini Ġodda*

Is-Sur Cordina ta rendikont fuq l-Uffiċċini fejn qal li kellu jkeċċi kuntrattur li għal tliet ġimgħat sħaħ ma resaqx 'l hemm. Dan il-kuntrattur kien bena x-xaft u wara li baqa' ma tfaċċax kellu jsabbat saqajh u sab kuntrattur ieħor kif kien qal fil-laqgħa l-oħra. Dan il-kuntrattur ġdid lesta l-kontrabejt tal-kamra fejn hemm il-lift, l-*membrane*, il-*gypsum*, filwaqt li l-kuntrattur l-ieħor imqabbad min dak li bena x-xaft tal-lift lesta t-*travertine* ukoll. Qal li twaħħlu l-bibien u l-aluminju kollu, nkluż dawk tal-entratura lesti, li ġie l-Perit jispezzjona x-xogħol u kien jinsab sodisfatt ħafna. Is-Sur Mangion saqsa jekk forsi telaqx għax ma tħallasx. Is-Sur Cordina wieġeb li kulħadd kien jinsab imħallas u ma kien hemm l-ebda kontijiet pendenti.

*Kulleġġ San Nikola, Skola Primarja Tumas Dingli – Family Fest*

Is-Sur Cordina qal li hemm Head of School ġdida Ms. Josette White u dan il-Kap tal-iskola għandha entużjażmu kbir u fost affarijiet oħra li qed jaħdmu fuqhom hemm dan il-Family Fest. Qal li l-iskola xtaqet tuża Ġnien Ħal-Warda minħabba li dan jinfed mal-grawnd u jsiru bosta attivitajiet għall-ġenituri u tfal kemm fil-ġnien kif ukoll fil-grawnd tal-iskola nhar il-Ġimgħa, 21 ta' Frar 2025. Is-Sur Cordina qal li madwar 400 tifel u tifla minnhom huma minn Ħ'Attard u għaldaqstant tkun xi ħaġa sabiħa li din l-

attività ssir b'kollaborazzjoni mal-iskola u qisu l-Kunsill ikun affiljat magħhom. Hu kompla jgħid li fost l-affarijiet li hemm elekaw hemm xi 6 gazebos, PA system li jiswew 290-il waħda bi spiża ta' €2053. Il-Kunsill qabel li jikkollabora waqt din l-attività permezz tal-ħaddiema u anke fuq suġġeriment tas-Segretarju Eżekuttiv ikun involut il-Kunsill permezz ta' kollaborazzjoni b'mezzi edukattivi bħal-leaflets u posters li kien hemm ta' FierAmbjent, il-kotba li kien hemm li kienu adattati għat-tfal u kien hemm minnhom tal-kbar, li jistgħu jinbiegħu kontra donazzjoni.

Dr. Musumeci qal ukoll li jixtieq jitkellem mal-Kap tal-Iskola fuq ekoskola għax infurmat li l-iskola mhix imdaħħla fiha. Qal li bosta huma l-iskejjel imdaħħlin f'din l-organiżazzjoni biex iżommu s-sostenibilità fl-iskejjel.

Il-Kunsill qabel li jgħin b'somma ta' mhux iktar minn €2053. Is-Sur Cordina qal li l-Kunsill ilu żmien jikkollabora mal-iskola permezz ta' għotja ta' skip biex tinżamm l-indafa.

## 9.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

9.4.1 Sur Alex Mangion

- Saqsa fuq l-iskola għall-barranin li kienet ġiet proposta fi Triq ir-Rużell. Is-Sur Cordina qal li ma nstema' xejn iktar
- Saqsa fuq ix-xogħol ta' Victor Vassallo. Is-Sur Cordina qal li tlesta x-xogħol kif ġa jafu u jidher li kollox sew anka kwantu ta' ismijiet.

9.4.2 Dr. Ralph Cassar

- Saqsa fuq dak li kienu tkellmu rigward l-ispeed li flok 50 jinżel 30 kilometru fis-siegħa. Is-Sur Cordina qal li ntbagħtet tfakkira.
- Saqsa fuq il-konok li s-Sindku reġa' qal li fakkar dakinhar stess filgħodu.
- Saqsa fuq Vjal Kulħadd bis-Sindku jgħid li t-tħabbir ta' min ħa fondi hu fil-viċin
- Saqsa fuq l-iskema tal-Ministeru tax-Xogħolijiet bis-Segretarju Eżekuttiv twieġeb li se ssir laqgħa bejn il-periti u x-xogħol mistenni jibda dalwaqt. Hi qalet ukoll li fil-BOQ's peress li saru malajr ma kienx hemm M&E's u allura riedu jiddiskutu kif se jsir ix-xogħol.
- Saqsa fuq tabelli ġodda jekk hemmx baġit biex jiġu midura. Is-Sur Cordina qal li fil-laqgħa li jmiss jiddiskutu dak li hemm bżonn isir bħalha tabelli minħabba li dan l-aħħar sena u nofs saru biss xogħolijiet bażiċi u issa li għalqet it-tender kif tingħata jkunu jistgħu jippjanaw aħjar.

Is-Segretarju Eżekuttiv talbet biex jinħatar bord tal-evalwazzjoni għat-tender tat-tabelli u sinjali. Il-Bord se jkun kompost mill-Avukata Caruana, is-Sur Remigio Bartolo u s-Sur Chris Falzon. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

- Qal li se jibda jdur il-Heritage signs u jdur il-kliem. Is-Sur Cordina qal li l-aħjar isiru tal-pvc flok ħadid.

- Talab biex meta jkollu ċans il-ħaddiem tingħata prijorita' lil Green Wall. Is-Sur Cordina qal li qegħdin fil-proċess biex jiġi ingaġġat ieħor imma kif jiftakru sew wieħed miet u l-ieħor kienu ħaduh Ħal Balzan.
- Saqsa fuq il-bozoz tal-Enemalta. Is-Sur Cordina qal li hemm ċertu dewmien u li fil-fatt kien waqa' arblu fil-parking tal-Corinthia u l-Onorevoli Professur Cassola qabad u tefa' r-ritratt FB mingħajr ma spjega u ta fatti konkreti u ħalla n-nies jitgħaqdu bejniethom fil-kummenti.
- Fakkar fit-tħawwil tal-15 ta' Marzu 2025.
- Qal li din is-sena EWWR se ssir bejn is-Sibt, 22 ta' Novembru u l-Ħadd, 30 ta' Novembru 2025.

9.4.3 Sur Remigio Bartolo

- Qal li xtaq jitkellem fuq il-ġemellaġġ ma' Pjazza Brembana u li wara bdil ta' korrispondenza dan wrew interess kbir. Is-Sur Ray Cuschieri qal li s-Sindku għamel avviż fuq min jixtieq jiġi Malta u ġejjin 13-il persuna. Sarilhom programm u kompla jgħid li hu rranġalhom għall-gwida, biex jidħlu il-Kon-Katidral ta' San Gwann u jkunu preżenti waqt Jum Ħ'Attard fl-22 ta' Marzu fis-7pm. Qal li se tiġi organizzata pasta night fl-20 ta' Marzu fis-7.30pm fejn il-Kunsill kollu nkluż l-istaff ikollu opportunità jiltaqa' mal-Kunsill ta' Brembana. L-għada jkun hemm ikla uffiċċjali bi ftit membri u fit-22 ta' Marzu jkun hemm l-attività tal-għoti ta' premjijiet. Huma se jattendu bil-kostum tal-muntanji. Għal Jum Ħ'Attard il-banda se ddoqq diski taljani li daħlu sew mal-viżita tat-taljani.

  Is-Sur Bartolo qal li jridu jinstabu n-nies biex ikunu nominati għall-ġieħ. Il-formoli se joħorġu *online* fl-31 ta' Jannar. Qal ukoll li jrid isir mezz li jkun hemm in-nies għall-għoti ta' ġieħ kompla jgħid għax 99% se tkun preżenti l-President. Wara li tkellem fuq dawk li huma talbiet li jridu min-naħa tal-Uffiċċju tal-Presidenza, fejn fosthom semma formola li trid timtela' qal li hu floku li tingħata donazzjoni lill-Malta Community Chest Fund w'għaldaqstant iridu jaraw kif se jiġbru fondi biex tingħata din id-donazzjoni.

  Is-Segretarju qalet li l-ideja ta' Visitor's Book mhix ideja ħażina u jista' jimbeda minn issa b'mistednin distinti bħas-Sindku ta' Brembana jiffirma għall-ewwel darba.

- Fakkar fuq il-kotba ta' Heritage Malta biex xi ħadd imur jiġborhom.

## 9.5 Rapporti

9.5.1 Ma kienx hemm rapporti.

## 9.6 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

9.6.1 ***Leave Ħaddiema tal-Kunsill***

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-approvazzjoni t-tiġdid tas-6 ijiem leave tal-ħaddiema mis-sena 2024 għas-sena 2025.

Kulħadd qabel.

## 9.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.

9.7.1 Dr. Helen Caruana saqsiet fuq il-pagament ta' Yama Yami u ġie spjegat lilha li dan il-pagament hu relatat max-xufier tal-van. Saqsiet ukoll fuq it-tindif ta' ħdejn il-Bring-in sites li sar minn Andre Agius imma dan kien qed jirreferi għall-cloths banks ta' ħdejn l-iskola. Is-Segretarju Eżekuttiv irranġat iddeskrizzjoni fuq iċ-ċedola li kienet skorretta.

Proponent: Sur Alex Mangion          Sekondant: Dr. Martin Musumeci

L-iskeda ġiet approvata.

## 9.8 Mozzjonijiet; u

9.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 9.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

9.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.54pm u ġiet aġġornata għall-20 ta' Frar 2025 fis-5.30pm

Konfermati illum, 20 ta' Frar 2025.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Stefan Cordina | Marica Mifsud Mintoff |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |